KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 24/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

*L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Nicholas Seychell-Kunsillier<br>Tyrone Muscat-Kunsillier |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Seychell u Muscat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.23. ġew approvati *nem com.*

2.2. B'referenza għall-punt 6.1, is-Sindku informa lil membri li fl-aħħar ġranet sargħet laqgħa mad-Direttorat tat-Tindif fejn l-istess direttorat offra li lest jopera li il-latrini tal-lokalita. Is-Sindku kompla li issa għanda titressaq it-talba uffiċjali tal-Kunsill u għaldaqstant is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri biex titressaq din it-talba. Il-membri approvaw.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa daħal fil-kamra.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill li jiġbor l-iskart goff Alfred Cutajar fejn informa lil Kunsill li mhux possibbli ikompli jopera il-kuntratt tiegħu fid-dawl li dan l-aħħar tilef lit-tifel tiegħu li kien jaħdem il-kuntratt miegħu. Il-membri qablu li dan it-tender jieqaf fl-aħħar tas-sena, sabiex umbagħad toħroġ direct order/kwotazzjoni sakemm toħroġ sejħa ġdida għall-offerti. Il-membri qablu ilkoll li dan il-kuntrattur kien wieħed mill-aktar kuntratturi li dejjem ħadem fl-aħjar mod possibbli.

4. <u>***Performance bonus*** **tal-Ħaddiema**</u>

*4.1.* Qabel ma s-Segretarju Eżekuttiv telaq mill-kamra, huwa xtaq jinforma lil membri li tul din is-sena l-uffiċju tal-Kunsill kien dejjem għaddej b'ħidma bla waqfien speċjalment fid-dawl tas-sejħiet tal-offerti u bosta xogħol ieħor fosthom anke l-proġetti ġodda ta' attivitajiet għall-anzjani u għaldaqstant jinstab kuntent ħafna bil-livell ta' ħidma li intlaħaq mill-impjegati kollha. Is-Sindku kompla billi qal li huwa kien kuntent bl-operat tal-ħaddiema għalkemm dejjem jibqa' spazju għat-titjib.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra sabiex il-membri ikomplu jiddiskutu din il-materja. Is-Sindku qal li huwa kuntent ħafna bl-operat tas-Segretarju li irnexxielu jlaħħaq mal-bosta affarijiet li jitlob minnu huwa stess. Għaldaqstant is-Sindku ippropona li l-ħaddiema jieħdu l-massimu tal-bonus u l-membri approvaw ukoll li jingħata l-massimu tal-*performance* bonus lill-ħaddiema kollha.

4.3. Fuq mistoqsija tal-kunsillier Ivan Bartolo dwar bonus għall-ħaddiema fuq l-iskema tal-*Community Workers Scheme*, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienu qed isiru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u *District Operations* (l-entita li timmaniġġja din l-iskema) sabiex jiġi iċċarat kif għandu jingħata bonus lill-istess ħaddiema skont metodi li tippermetti il-liġi.

## 5. Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1. Is-Sindku informa lil membri  illi kien iltaqa' ma rappreżentat tal-Malta Post fejn ġie infurmat li dawn jixtiequ li l-mobile van tagħhom iservi lil naħa ta' Lourdes darbtejn fil-ġimgħa għal ftit siegħat. Il-membri approvaw.

5.2. Is-Sindku fakkar lil membri sabiex jattendu għal-party tal-anzjani li ser isir fil-Palace. Kompla billi qal li l-preparamenti kollha kienu saru u għandu ikun hemm attendenza tajba ħafna. Fuq nota oħra is-Sindku qal li wara li l-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Anzjanità Attiva urew ix-xewqa li isir party tal-Milied għalihom, qablu bejniethom li jorganizzaw party waqt is-sessjoni ta' t-Tnejn li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-attività ser tiġi ffinanzjata mill-anzjani stess filwaqt li ix-xorb ser jiġi iffinanzjat mid-Dipartiment għall-anzjanità Attiva fi ħdan is-Segretarjat għall-Anzjani u l-persuni b'diżabilità.

5.3. Is-Sindku informa lil membri li fid-dawl li l-kumpanija tal-gwardjani mhux qed tipprovdi gwardjani biex jingħalqu it-toroq mil-kuntratturi fid-dawl tan-nuqqas tal-istess gwardjani, it-toroq qed jingħalqu xorta waħda bil-permess tal-Kunsill, meta dawn jagħmlu it-talba jumejn qabel kif mitlub mill-kumpanija tal-gwardjani.

## 6. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.1. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jgħid illi innota kennies li ma kienx liebes b'mod xieraq u mingħajr *high visibility vest*. Is-Sindku informa l-membri illi kien ser ikompli jaħdem mal-kuntratturi sabiex ikollhom uniformijiet filwaqt li sakemm iseħħ dan jingħataw vests tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI PAOLA

6.2. Il-Viċi Sindku xtaq li tinġibed l-azzjoni tal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta sabiex jingħata l-konkos u jitwaħħal fence mill-aktar fis. Il-membri qablu.

6.3. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-possibilità li jinqaleb il-parkeġġ fi Triq Lampuka l-parti ta' bejn Triq Tal-Borġ u Triq il-Knisja sabiex jiġi bħal l-parti ta' bejn Triq il-Knisja u Triq Ġużè D'Amato. Il-membri qablu li titressaq it-talba lil Transport Malta.

6.4. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jissuġġerixxi li issir diskussjoni dwar l-attività tal-Milied f'Casal Paola li qed tiġi organizzata kull sena sabiex naraw kif din l-istess attività tista' tiġi organizzata b'mod aħjar.

**7. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-kumplament l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 24 għas-somma ta' €41,464.57.

**8. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017.

Konfermati, illum-Erbgħa18 ta' Jannar 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |